MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru 512/2006

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
vs
Carmelo Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 83566(M) li hu akkuzat talli:

1. f'dawn il-gzejjer fit-21/08/04 bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuni akkuza quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur tal-artikolu 101 tal-Kap 9;
2. f'dawn il-gzejjer fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-qerq holoq jew gieghel li jidher donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk dan il-persuna tkun tista' tigi kontra s-

sewwa akkuzata jew misjuba hatja b'reat u dan bi ksur tal-Artikolu 110(1) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-istqarrija tal-akkuzat. Tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mil-lum sakemm l-akkuzat ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu ta' sena u dan wara li rat l-Artikolu 101 u 110(1) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------